MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 329/2011

**M.Y. Bunkers Ltd., socjeta' estera rapprezentata lokalment mill-mandatarji specjali taghha l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli u l-Avukat Dottor Tonio Grech**

**vs**

**M.v. LILLY MITCHELL, li ghandu l-IMO No. 9067582, *Call Sign* V2BZ, tunnellagg gross ta' 4193 u mibni fis-sena 1993**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tal-4 ta' April 2011 li jghid hekk:

Illi s-socjeta' rikorrenti forniet bunkers lill-intimat skond l-annessa fattura markata bhala Dok. KD1;

Illi l-valur ta' dawn il-bunkers jammonta ghal tlieta u sebghin elf hames mija u disghin dollari amerikani u

wiehed u hamsin centezmu (USD73,590.51) ekwivalenti ghall-tnejn u hamsin elf seba' mija u sittin Euro u tnejn u sittin centezmu (EUR 52,760.62) skond ir-rata ta' EUR 1 = 1.3948, l-istess rata li giet uzata fil-Mandat ta' Arrest bin-numru 352/11;

Illi l-istess intimat jinsab maqbud mis-socjeta' rikorrenti permezz tal-Mandat ta' Arrest bin-numru 352/11; .

Illi ghalhekk l-intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ċert, likwidu u dovut ta' tlieta u sebghin elf hames mija u disghin dollari amerikani u wiehed u hamsin centezmu (USD73,590.51) ekwivalenti ghall-tnejn u hamsin elf seba' mija u sittin Euro u tnejn u sittin ċentezmu (EUR52,760.62) skond ir-rata ta' EUR 1 = 1.3948;

Illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap.12; u

2. Tikkundannah ihallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma fil-munita Euro li fid-data tas-sentenza tekwivali ghal tlieta u sebghin elf hames mija u disghin dollari amerikani u wiehed u hamsin centezmu (USD73,590.51);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Arrest bin-numru 352/11 kif ukoll bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimat li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' rikorrenti fejn Dr. Tonio Grech iddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont dovut kien dak li jirrizulta fir-rikors cioe USD 73,590.51;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata;

Fil-kontumcja tal-intimati tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------